# KIF BDIET U MXIET IL-GĦAQDA

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

### IT-TIENI KUMITAT.

Fil-laqgħa ta' l-imseħbin tat-13 ta' Mejju 1923 saret il-ħatra tal-Kumitat il-ġdid.

Żdiedu 3 Viċi-Presidenti: l-Onor Senatur Mons. Pawl Galea J.C.D; l-Avukat A.V. Laferla u l-Avukat L. F. Mizzi.

Il-Kumitat baqa' bħal ta' qabel b'din it-tiswija żgħira. Is-Sur Turu Mifsud sar Viċi-President, is-Sur G. Darmanin Demajo sar Kaxxier u daħal ġdid is Sur Ġinu Muscat-Azzopardi.

### L-ISTAMPA TAL-GRAMMATKA.

Wara tliet snin xogħol, il-Ktieb tal-Grammatka tlesta għal l-istampa. Ix-xogħol tiegħu kien f'idejn is-Sur Nin Cremona.

Iżda l-Għaqda ma rnexxilhiex tiġbor il-flus li kienu jinħtieġu għal l-istampa tiegħu.

Is-sur Turu Mifsud, Membru tal-Parlament u Viċi-President tagħna, talab kemm-il darba lil Gvern biex igħin 'ill-Għaqda għal l-isampa tal-Grammatka u fil-laqgħa tal-Parlament tat-22 ta' Novembru 1923 saret taħdita fuq mozzjoni li kien għamel hu fejn fiha l-Gvern wiegħed li jistampahielna.

Il-Grammatka damet tistampa ruħha xi ftit inqas minn sena u rnexxiet xogħol sabiħ tassew li għalih il-Għaqda qalgħet tifħir minn bosta għorrief kemm ta' Malta u kemm ta' Barra.

Bil-ħruġ ta' dan ix-xogħol, tista' tgħid li bdiet tidher ħajja tal-Għaqda.

*(Jissokta)*


Mur għand

CRITIEN TAL-KOTBA

34. SDA. REALE, VALLETTA

u ixtri IT-TAGĦRIF tagħna — Jinbiegħ 10 soldi

u XINHU L-MALTI SAFI — Jinbiegħ 3 soldi


# IL-MALTIN TA' BARRA.

## I.

GRUPPO FILODRAMMATICO MALTESE
DI CAIRO

2, Piazza Bab el-Ħadid
Cairo Egitto 25 ta' Awwissu 1925.

Lill-Wisq Magħruf Sinjur
Kav. G. Muscat-Azzopardi
President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*
MALTA

Preġjatissimu Sinjur,

Il-Kumitat tas-Soċjetajjiet taħt imsemmija, ħatru lili sabiex natik is-sabiħa aħbar li huma, magħqudin fl-imkien, iddiċedew li jaħtru Lilek bħala PRESIDENT ONORARJU tagħhom u dan b'xhieda tal-kbira qima li għandhom Lejk għall-ħeġġa li dejjem urejt u għal l-imħabba li dejjem ġibt lil-Lsien Nazzjonali tagħna: IL-MALTI.

Il-Maltin ta' Barra ma jħallu l-ebda okkasjoni taħrab sabiex juru r-rikonoxxenza tagħhom għal dawk li jaħdmu tassew u minn qalbhom—u bla ebda interess persunali—għall-kobor ta' pajjiżna, u għalhekk ħatru Lilek bħala President Onorarju ta' għaqdiet li l-iskop tagħhom hu t-tixrid tal-Lsien Malti, għax fik jammiraw il-Bniedem li veranent iħobb lil l-Art twelidu għax qatt ma naqas li juri l-imħabba għall-VERU LSIEN TAGĦNA.

Nittamaw li din il-ħatra tiġi minnek milqugħa, u fil-ħin li minn qalbna għalik insellu u nixtiqulek ħajja twila u ta' hena sabiex tissokta tkabbar il-ġieħ ta' Malta tagħna billi tkompli xxerred, bil-kitba tiegħek ta' kbira fejda, lil-Lsien Tagħna, għodda dejjem bl-ammiraturi tiegħek,

Għas-Soc. Filod. taħt imsemmija
A. Nicholas
*Segretarju*
*Grupp Filodram. Malti*

Grupp Filodrammatiku Malti tal-Kajr.
Società Filodrammatika "*L'Indipendenza*", Port-Said.
Società Filodrammatika "*Concordia*", Port-Said.
Filodrammatika tal-"*Komunità Maltija*" Suez.

ROYAL UNIVERSITY MALTA